

32006D0593

L 243/32

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

6.9.2006

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-4 ta' Awwissu 2006

**li tiffissa allokazzjoni indikattiva skond l-Istat Membru ta' l-appropriazzjonijiet ta' l-impenn għall-għan ta' kompetittività u impjiegi Reġjonali għall-perjodu 2007-2013**

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 3472)

(2006/593/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11.7.2006 li jfassal dispożizzjonijiet ġenerali għall-Fond Ewropew ta' l-Iżvilupp Reġjonali, Il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 18(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Skond il-punt (b) ta' l-Artikolu 3(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 l-għan ta' kompetittività u impjiegi Reġjonali jimmira lejn it-tisħiħ tal-kompetittività u ta' kemm ikunu attraenti r-reġjuni.
- (2) Skond il-punt (b) ta' l-Artikolu 4(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 Il-Fond Ewropew ta' l-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond Soċjali Ewropew jikkontribwixxu għall-kisba ta' l-għanijiet imsemmija fil-punt (b) ta' l-Artikolu 3(2) ta' dan ir-Regolament. Skond l-Artikolu 4(2) il-Fond ta' Koeżjoni jintervjeni wkoll f'dawk ir-reġjuni li mhumiex eliġibbli għal appoġġ taħt l-għan ta' "Konverġenza" li jagħmlu parti minn Stati Membri eliġibbli għal appoġġ taħt dan il-Fond.
- (3) Skond l-Artikolu 20 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 15,95 % tar-riżorsi disponibbli għal impenn min-naħa tal-Fond Ewropew ta' l-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni (minn issa 'l quddiem "il-Fondi") għall-perjodu 2007 sa 2013 għandhom jiġu allokati għall-għan ta' kompetittività u impjiegi Reġjonali, inklużi 21,14 % għall-appoġġ tranżizzjonali u speċifiku msemmi fl-Artikolu 8(2) ta' dan ir-Regolament.

- (4) Jeħtieġ li jsiru klassifiki indikattivi taċ-ċifri mill-Istati Membri tar-riżorsi li għandhom jiġu allokati lill-għan ta' kompetittività u impjiegi Reġjonali. Skond l-Artikolu 18(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006, dan għandu jsir skond il-kriterji u l-metodoloġija stipulati fl-Anness II tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006.

- (5) Ir-raba' paragrafu ta' l-Anness II tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 jstabbilixxi l-metodu għall-alkokazzjoni ta' riżorsi disponibbli għall-Istati Membri u r-reġjuni eliġibbli għal għoti ta' fondi skond l-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament.

- (6) Il-Paragrafu 6(b) ta' l-Anness II tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 jstabbilixxi l-metodu li jiddetermina l-alkokazzjonijiet li jaqgħu taħt l-appoġġi tranżizzjonali msemmija taħt l-Artikolu 8(2) ta' dan ir-Regolament.

- (7) Il-Paragrafu 7 ta' l-Anness II tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 jiddetermina l-livell massimu ta' trasferiment mill-Fondi lejn kull Stat Membru.

- (8) Il-Paragrafi 12 sa 31 ta' l-Anness II tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 jiffissaw l-ammonti li jappartjenu lil ċerti każijiet speċifiċi għall-perjodu 2007 sa 2013.

- (9) Skond l-Artikolu 24 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 0.25 % tar-riżorsi disponibbli għal impenn mill-Fondi għall-perjodu 2007 sa 2013 se jkunu ddedikati sabiex jiffinanzjaw għajjnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni; għalhekk l-alkokazzjoni indikattiva mill-Istati Membri għandha tkun indipendenti mill-ammont li jikkorrispondi għall-għajjnuna teknika.

<sup>(1)</sup> ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-ammonti indikattivi skond l-Istat Membru, ta' l-approprijazzjonijiet ta' l-impenn għar-reġjuni eliġibbli għal għoti ta' fondi mill-Fondi Strutturali li jaqgħu taħt l-għan ta' kompetittività u impjegi Reġjonali kif imsemmi fl-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006, inklużi l-ammonti addizzjonali ffissati fl-Anness II ta' dan ir-Regolament, se jkunu hekk kif stipulati fit-tabella 1 ta' l-Anness I.

Il-klassifiki annwali taċ-ċifri skond l-Istat Membru skond is-sena ta' l-approprijazzjonijiet ta' l-impenn kif imsemmija fil-paragrafu ta' qabel se jkunu stipulati fit-tabella 2 ta' l-Anness I.

*Artikolu 2*

L-ammonti indikattivi mill-Istati Membri ta' l-approprijazzjonijiet ta' l-impenn għar-reġjuni eliġibbli għal għoti ta' fondi mill-Fondi Strutturali li jaqgħu taħt l-għan ta' kompetittività u impjegi

Reġjonali kif imsemmi fl-Artikolu 8 ta' Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006, inklużi l-ammonti addizzjonali ffissati fl-Anness II ta' dan ir-Regolament, se jkunu hekk kif stipulati fit-tabella 1 ta' l-Anness II.

Il-klassifiki annwali taċ-ċifri skond l-Istat Membru skond is-sena ta' l-approprijazzjonijiet ta' l-impenn kif imsemmija fil-paragrafu ta' qabel se jkunu stipulati fit-tabella 2 ta' l-Anness II.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar il-4 ta' Awwissu 2006.

*Għall-Kummissjoni*

Danuta HÜBNER

*Membru tal-Kummissjoni*

ANNEX I

**Allokazzjoni indikattiva skond l-Istat Membru ta' l-appropriazzjonijiet ta' l-impenn għar-reġjuni eliġibbli għall-għoti ta' fondi mill-Fondi Strutturali li jaqgħu taħt l-għan ta' kompetittività u impjegi Reġjonali għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013**

Stat Membru	IT-TABELLA 1 – L-ammont ta' appropriazzjonijiet (EUR, prezziġiet ta' l-2004)							
	Reġjuni eliġibbli taħt l-għan ta' kompetittività u impjegi Reġjonali	Għoti addizzjonali ta' fondi msemmi fl-Annes II tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 taħt il-paragrafu:						
		§ 16	§ 20	§ 23	§ 25	§ 26	§ 28	§ 29
België/Belgique	1 264 522 294							
Ceska Republika	172 351 284	199 500 000						
Danmark	452 135 320							
Deutschland	8 273 934 718				74 812 500			
España	2 925 887 307					199 500 000		
France	9 000 763 163							99 750 000
Ireland	260 155 399							
Italia	4 539 667 937						209 475 000	
Luxembourg	44 796 164							
Nederland	1 472 879 499							
Österreich	761 883 269							
Portugal	435 196 895							
Slovensko	398 057 758							
Suomi-Finland	778 631 938		153 552 511					
Sverige	1 077 567 589		215 598 656	149 624 993				
United Kingdom	5 335 717 800							
<b>Total</b>	<b>37 194 148 334</b>	<b>199 500 000</b>	<b>369 151 167</b>	<b>149 624 993</b>	<b>224 437 500</b>	<b>199 500 000</b>	<b>209 475 000</b>	<b>99 750 000</b>

L-Istat Membru	IT-TABELLA 2 – Il-klassifika annwali taċ-ċifri ta' l-appropriazzjonijiet (EUR, prezzijiet ta' l-2004)						
	2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013
België/Belgique	180 646 042	180 646 042	180 646 042	180 646 042	180 646 042	180 646 042	180 646 042
Ceska Republika	53 121 612	53 121 612	53 121 612	53 121 612	53 121 612	53 121 612	53 121 612
Danmark	64 590 760	64 590 760	64 590 760	64 590 760	64 590 760	64 590 760	64 590 760
Deutschland	1 192 678 174	1 192 678 174	1 192 678 174	1 192 678 174	1 192 678 174	1 192 678 174	1 192 678 174
España	446 483 901	446 483 901	446 483 901	446 483 901	446 483 901	446 483 901	446 483 901
France	1 300 073 309	1 300 073 309	1 300 073 309	1 300 073 309	1 300 073 309	1 300 073 309	1 300 073 309
Ireland	37 165 057	37 165 057	37 165 057	37 165 057	37 165 057	37 165 057	37 165 057
Italia	678 448 991	678 448 991	678 448 991	678 448 991	678 448 991	678 448 991	678 448 991
Luxembourg	6 399 452	6 399 452	6 399 452	6 399 452	6 399 452	6 399 452	6 399 452
Nederland	210 411 357	210 411 357	210 411 357	210 411 357	210 411 357	210 411 357	210 411 357
Österreich	130 215 467	130 215 467	130 215 467	130 215 467	130 215 467	130 215 467	130 215 467
Portugal	62 170 985	62 170 985	62 170 985	62 170 985	62 170 985	62 170 985	62 170 985
Slovensko	59 287 258	57 274 995	54 915 823	51 153 834	53 136 512	56 208 234	66 081 102
Suomi-Finland	133 169 207	133 169 207	133 169 207	133 169 207	133 169 207	133 169 207	133 169 207
Sverige	206 113 034	206 113 034	206 113 034	206 113 034	206 113 034	206 113 034	206 113 034
United Kingdom	762 245 400	762 245 400	762 245 400	762 245 400	762 245 400	762 245 400	762 245 400
Total	5 523 220 006	5 521 207 743	5 518 848 571	5 515 086 582	5 517 069 260	5 520 140 982	5 530 013 850

## ANNEX II

**Allokazzjoni indikattiva skond l-Istat Membru ta' l-approprijazzjonijiet ta' l-impenn għar-reġjuni eliġibbli għall-għoti ta' fondi mill-Fondi Strutturali fuq bażi speċifika u tranżizzjonali li jaqgħu taħt l-għan ta' kompetittività u impjiegi Reġjonali għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013**

L-Istat Membru	IT-TABELLA 1 – L-ammont ta' approprijazzjonijiet (EUR, prezzijiet ta' l-2004)					
	Reġjuni eliġibbli taħt ir-reġim tranżizzjonali ta' l-għan ta' kompetittività u impjiegi Reġjonali	Għoti addizzjonali ta' fondi msemmi fl-Annes II tar-regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 taħt il-paragrafu:				
		§ 15	§ 19	§ 20	§ 26	§ 27
Ellada	582 395 315					
España	3 649 807 023		99 749 993	434 492 233	299 250 000	
Ireland	418 744 086					
Italia	626 325 208					250 372 500
Kypros	361 895 758					
Magyarország	1 720 653 088	139 732 594				
Portugal	347 157 850			58 848 251		
Suomi-Finland	324 544 537			164 835 524		
United Kingdom	880 529 981					
<b>Total</b>	<b>8 912 052 846</b>	<b>139 732 594</b>	<b>99 749 993</b>	<b>658 176 008</b>	<b>299 250 000</b>	<b>250 372 500</b>

L-Istat Membru	IT-TABELLA 2 – Il-klassifika annwali ta' ċifri ta' l-approprijazzjonijiet (EUR, prezzijiet ta' l-2004)						
	2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013
Ellada	205 317 626	157 827 178	110 336 730	62 846 282	15 355 833	15 355 833	15 355 833
España	1 206 899 743	986 622 023	766 344 304	546 066 584	325 788 865	325 788 865	325 788 865
Ireland	143 368 343	110 877 547	78 386 752	45 895 958	13 405 162	13 405 162	13 405 162
Italia	216 111 659	180 773 664	145 435 670	110 097 675	74 759 680	74 759 680	74 759 680
Kypros	101 752 415	82 287 352	62 822 288	43 357 223	23 892 160	23 892 160	23 892 160
Magyarország	646 048 749	498 162 329	350 275 909	202 389 488	54 503 069	54 503 069	54 503 069
Portugal	102 050 610	87 367 364	72 684 118	58 000 871	43 317 626	28 634 379	13 951 133
Suomi-Finland	99 696 384	89 768 069	79 839 753	69 911 437	59 983 122	50 054 806	40 126 490
United Kingdom	285 202 703	223 208 873	161 215 043	99 221 213	37 227 383	37 227 383	37 227 383
<b>Total</b>	<b>3 006 448 232</b>	<b>2 416 894 399</b>	<b>1 827 340 567</b>	<b>1 237 786 731</b>	<b>648 232 900</b>	<b>623 621 337</b>	<b>599 009 775</b>